MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Numru. 708/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs.**

**Clayton Joseph Polidano**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni – kif emendata b’digriet ta’ dina l-Qorti tal-21 ta’ Jannar 2009 - dedotta kontra Clayton Joseph Polidano, iben Joseph u Benedetta nee Polidano, imwieled Pieta fil-5 ta’ Dicembru

1983, residenti gewwa Block 4, Flat 3, Trieq il-Fieres, Kirkop, detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 20084(M)

Akkuzat:

1. talli bejn is-17 u 18 ta' Mejju 2008, f'dawn il-gzejjer ghamel attentat vjolenti ghall-pudur ta' Ann Patricia Dacey:
2. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi offenda il-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;
3. talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
4. talli ikkommetta reat meta kellu sentenza sospiza li inghata mill-Magistrat Dott. M. Hayman fit-13 ta' Ottubru 2004.

Wara li semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati, inkluz, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat id-digriet taghha tat-30 ta' Novembru 2011, fejn iddikjarat il-provi tal-prosekuzzjoni maghluqa, stante li l-ufficjal prosekutur xehed bil-gurament li ghal diversi snin, il-prosekuzzjoni ma setghetx tirrintracca lill-parti allegatament leza, Ann Patricia Dacey.

Wara li semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Novembru 2012;

Wara li rat li fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012, din il-Qorti issospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza, stante li fit-trattazzjoni tieghu fis-seduta tat-18 ta' April 2012, l-Avukat Difensur kien irrileva li l-istqarrija tal-imputat ghandha tigi skartata, stante li meta ittiehdet l-istqarrija ma kellux possibilita li jiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni.  In vista tas-sentenza ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fit-8 ta' Ottubru 2012 fl-ismijiet **Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali**, il-Qorti

stiednet lill-partijiet biex, jekk iridu, jaghmlu s-sottomissjonijiet ulterjuri rigward l-ammissjoni fl-istqarrija fid-dawl ta' din is-sentenza.

In oltre fl-istess seduta, il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issollevat *ex officio*, l-kwistjoni li r-reati li bihom l-imputat jinsab akkuzat gew kommessi pendenti l-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-13 t'Ottubru 2004, liema sentenza, ghalkemm ingabet a konjizzjoni tal-Qorti, ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni.

Il-kawza giet differita sabiex:

(i) il-partijiet, jekk iridu, jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri dwar l-ammissibilita tal-istqarrija fid-dawl tal-gurisprudenza ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali fuq imsemmija u jekk ikun il-kaz iressqu l-provi fir-rigward;

(ii) sabiex l-imputat jidher quddiemha biex tigi trattata l-kwistjoni dwar jekk jinstab hati tar-reati li bihom jinsab akkuzat, ghaliex m'ghandhiex tigi reza operattiva s-sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-13 ta' Ottubru 2004.

Rat il-verbal fis-seduta tas-17 ta' April 2013 li jghid hekk:

*"Illi rigward is-sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fit-13 ta' Ottubru 2004, il-partijiet jaqblu li din is-sentenza giet reza ezekuttiva u li l-imputat skonta l-piena l-habs u pprezentaw vera kopja tas-sentenza li qed tigi immarkata bhala Dok AZ1.*

*Rigward il-kwistjoni tal-ammissibilita tal-istqarrija, l-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-gurisprudenza ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija fil-verbal tat-12 ta' Novembru 2012."*

Illi ghalhekk, il-kawza regghet giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**Il-Kwistjoni Sollevata mid-Difiza dwar l-Istqarrija tal-Imputat**

Il-Qorti se tikkunsidra fl-ewwel lok il-kwistjoni sollevata fit-trattazzjoni orali mid-difiza dwar l-istqarrija tal-imputat, u cioe li stante li l-istqarrija tal-imputat odjern ittiehdet fit-18 ta' Mejju 2008, meta ma kienx hemm il-possibilita li jiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni, l-istqarrija tieghu ghandha tigi skartata.[1] Fil-verbal li sar fis-seduta tas-17 ta' April 2013, il-partijiet qablu li *"(r)igward il-kwistjoni tal-ammissibilita tal-istqarrija, l-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-gurisprudenza ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija fil-verbal tat-12 ta' Novembru 2012."* – cioe is-sentenza **Charles Steven Muscat vs. L-Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012.

F'din is-sentenza ta' **Charles Steven Muscat**, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Fil-kaz ta' **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita' hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.
2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.
3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

[1] Ara verbal fis-seduta tat-18 ta' April 2012.

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[2]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[3]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[4]

In oltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[5], **Il-Pulizija vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[6], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[7] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[8]).

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputat kellu 23 sena, u kellu diga tlett (3) kundanni minn dawn il-Qrati - wahda minnhom kienet ghal diversi serqiet. Ghalhekk, l-imputat kien diga xellef difrejh mal-pulizija, u certament ma jistghax jinghad li l-imputat ma kienx midhla tal-pulizija u mal-mod ta' kif isiru l-interrogazzjonijiet. L-imputat ma kienx minorenni u lanqas allega li kien ibati minn

---

[2] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[3] Deciz fil-11 ta' April 2011.
[4] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.
[5] *Per* Imhallef David Scicluna.
[6] *Per* Imhallef David Scicluna.
[7] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[8] *Per* Imhallef Michael Mallia.

xi forma ohra ta’ vulnerabilita’, hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. In oltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti, u ghalhekk ma hemmx biza’ li l-imputat seta’ stqarr htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

In oltre qabel l-interrogatorju, l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa’ sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta’ jaghmilha minghajr konsegwenzi ta’ xejn.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrija ttiehdet fit-18 ta’ Mejju 2008, kien biss fis-seduta tat-18 ta’ April 2012, li l-imputat issolleva l-kwistjoni li l-istqarrija tieghu ittiehdet minghajr ma kellu assistenza legali. Matul dawn il-prattikament erba’ (4) snin, l-imputat qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija jew li jichad dak li fiha. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qieghed ihoss illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija li, wara kollox, ghamilha liberament.

Ghaldaqstant, fil-fehma konsidrata ta’ din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputat.

**Il-Fatti**

1. Fit-18 ta’ Mejju 2008 ghal habta tat-2.45 ta’ filghodu, il-pulizija gew infurmati mill-barman tar-Remissa Bar fl-Imqabba, Charles Micallef, li kien hemm mara barranija li qed tallega li kienet giet stuprata.
2. Meta l-pulizija marru fuq il-post sabu lil din il-mara b’handbag u b’panty iswed f’idejha, u allegat li kienet giet stuprata minn kugin taghha, li ma kienitx taf fejn joqghod.
3. Il-mara irrifjutat li tati d-dettalji taghha u dawk tal-allegat aggressur taghha lill-pulizija, izda accettat li tmur l-Isptar Mater Dei sabiex tigi ezaminata.
4. Din il-mara giet identifikata bhala Ann Patricia Dacey u kienet fis-sakra.
5. Meta waslu l-isptar, Ann Patricia Dacey kienet aggressiva mal-pulizija, tant li kellhom jaghmlulha l-manetti[9].

[9] Ara xhieda ta’ WPC7 Therese Cuschieri

6. Hin minnhom, Ann Patricia Dacey talbithom tmur fil-kamra tal-banju, u insistiet li tmur wahedha. X'hin sakret il-*lock*, il-pulizija issuspettaw hazin, fethu l-bieb u sabuha tipprova tikkometti suwicidju billi titghallaq bic-cinga tal-*handbag*.
7. Dott. Carmen Portelli ezaminatha u ma irrizultax illi kien hemm xi vjolenza fuq il-parti genitali taghha.[10]
8. Meta kienet l-isptar Ann Patricia Dacey qalet li l-persuna li kien aggrediha kien Clayton Polidano, cioe l-imputat.
9. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li kien ilu jaf lil Anne Dacey bejn xahar u nofs u xaharejn. Dak in-nhar kienu qed jixorbu f'kazin Hal-Kirkop, u l-imputat offrielha li jmorru dawra u hi accettat. Marru fil-*parking area* ta' Wied iz-Zurrieq u hemm kellhom relazzjoni sesswali, pero skont l-imputat kollox sar bil-kunsens taghha. L-imputat jghid li hi kienet fis-sakra. Imbaghad hi riedet tixrob il-vodka u hadha l-Imqabba u taha l-flus biex tixtri l-vodka minn bar hemmhekk. Hi dahlet u ma hargitx mill-bar. L-imputat iddejjaq jistenna u mar id-dar.
10. Ann Patricia Dacey ma xehditx f'dawn il-proceduri, ghax ma setghetx tigi rintraccata mill-Pulizija.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*<u>L-Ewwel Imputazzjoni – Attentat Vjolenti ghal Pudur ta' Ann Patricia Dacey</u>*

Kif diga inghad l-allegata parti leza, Ann Patricia Dacey, ma xehditx f'dawn il-proceduri. Fit-trattazzjoni finali, id-Difiza issottomettiet li x-xhieda tal-pulizija f'dawn il-proceduri hija hearsay u mhix ammissibbli. Fis-sentenza **Joseph Mary Vella vs. Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-13 ta' Jannar 1988, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:

*"Il-principju generali li jirregola l-materja tal-"hearsay evidence" ( u dak li qed jghid l-imsemmi xhud jammonta ghal "hearsay evidence") jinsab stabbilit fl-Artikolu 598(1) tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 Edizzjoni Riveduta 1984) fejn jinghad li "bhala regola l-Qorti ma tiehux qies ta' xhieda dwar fatti li x-xhud jghid li gie jafhom minn ghand haddiehor jew li qalhom haddiehor li jista` jingieb biex jaghti xiehda fuq dawk il-fatti."*

[10] Ara certifikat mediku ezebit bhala Dok. GM4 a fol. 21 tal-process.

*Ghal dan il-principju l-ligi stess taghmel diversi eccezjonijiet fl-Artikolu 599 ta' l-imsemmi Kodici fejn jinghad inter alia illi "il-Qorti tista`, skond ic-cirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem haddiehor u tiehu qies taghha meta dan l-istess kliem haddiehor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawza jew jaghmel parti mill-meritu; inkella meta dan haddiehor ma jkunx jista jingieb biex jixhed u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistghu jigu ppruvati sewwa xort`ohra ... ...".*

*Fil-kawza "Francesca Seychell et vs Antonio Seychell et" deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Marzu 1936 (Koll. Dec. Vol. XXIX-I-570, 580) – citata b'approvazzjoni fil-kawza "Onorevolissimo Gerald Lord Strickland vs Goffredo Chretien pr. et noe, 12 ta' Frar 1937 (Koll. Dec. Vol. XXIX- I-860, 883), din il-Qorti irritjeniet, a bazi ta' l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi, li d-dikjarazzjonijiet ta' nies mejta, rizultanti minn diversi xhieda li kienu semghuhom, ghandhom jigu ricevuti ghax ghandhom influwenza fuq il-meritu u jistghu jservu biex ma' provi ohra li wahedhom m'humiex bizzejjed jippruvaw l-assunt ta' l-atturi.*

*Ghaldaqstant il-gudikant ghandu jircevihom bhala prova, ghax il-ligi ma tirrikjedix kondizzjonijiet ohra barra minn dawk fuq imsemmija. ... ...*

*Naturalment, kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati, il-gudikant, f'kazi simili, ghandu juza cirkospezzjoni kbira qabel ma jircievi il-"hearsay evidence" bhala prova konkludenti."*

Issa, fil-kaz prezenti, si tratta ta' depozizzjoni ta' diversi ufficjali tal-pulizija dwar x`qaltilhom Ann Patricia Dacey, li ma setghetx tigi prodotta bhala xhud ghaliex ma setghetx tigi rintraccata mill-Prosekuzzjoni. Certament il-kliem ta' Ann Patricia Dacey jistghu, fic-cirkostanzi tal-kaz, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawza, u ghaldaqstant ghandhom jigu ammessi bhala prova. Naturalment kif avvertit il-Qorti Kostituzzjonali, din il-Qorti sejra tuza kawtela kbira qabel ma tikkonsidra din il-*hearsay evidence* bhala prova konkludenti.

L-Ispettur Graziella Muscat xehdet hekk: *"Meta ddeskriviet l-incident, qalet li kienu hemmhekk fil-karozza tieghu, nizzel is-seat hu u hi qaltilna li l-ewwel beda jpoggilha idejha fuq il-parti tieghu, u imbaghad qabez fuqha nehhielha l-hwejjeg minn fuqha. U ghall-bidu minn dak li qalet lill-pulizija, qalet li kien stupraha, pero ttiehdu dikjarazzjonijiet ohra fejn*

*qalet li mhix certa jekk kellhix x'taqsam sesswalment mieghu. Imbaghad inhargu l-akkuzi ta' attentat vjolenti ghall-pudur, u mhux ta' stupru."*[11]

Kif diga intqal, mill-ezami mediku, ma irrizultax li l-allegata vittma kellha xi vjolenza fuq il-parti genitali taghha.

In oltre mis-serologu Paul Sultana ikkonkluda hekk: *"Meta l-kampjuni, "Vulval Swab" u "Panty liner" gew analizzati ghall-prezenza ta' "Acid Phosphatase", dawn taw rizultat posittiv. Rizultat posittiv jindika il-prezenza ta' likwidu seminali.*

*Il-profil genetiku li hareg mill-"Vaginal Swab" hu ta' mara biss.*

*Il-profil genetiku tad-DNA li nhareg mill-kampjun "Vulval Swab" u "Panty liner" hu ta' profil genetiku mhallat u jidher li jaqbel ma' dak ta' Anne Patricia Dacey u ma dak ta' Clayton Joseph Polidano. Likelihood Ratio ta' 3.63 x10 (15) u 3.07x10."*[12]

Ghal kull buon fini jigi rilevat li fit-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-imputat jghid: *"Ghax l-espert a fol 4 li tigi fol. 12 tal-in genere jghid hekk "u l-profil genetiku li hareg mill-panty liner, jaqbel mal-profil genetiku ta' Patricia Ann Dacey u ma' dik ta' persuna ohra fil-popolazzjoni."* Pero dan jidher li kien malintiz min-naha tad-difiza, ghax hawnhekk l-espert Sultana qed jirreferi ghat tieni ipotesi uzata minnu. Fil-fatt l-ewwel ipotesi kienet li *"Il-profil genetiku li hareg minn "Panty liner" jaqbel ma' ta' Anne Patricia Dacey u ma' dak ta' Clayton Joseph Polidano."*[13] Il-konkluzjoni tal-espert kienet li t-testijiet ikkonfermaw din l-ewwel ipotesi, kif fuq inghad, u cioe li mill-kampjun *"vulval swab"* u *"panty liner"* nhareg profil genetiku mhallat u jidher li jaqbel ma' dak ta' Ann Patricia Dacey u ma' dak ta' l-imputat.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jammetti li hu kellu x'jaqsam sesswalment ma' Ann Patricia Dacey, pero jghid li kollox sar bil-kunsens u l-volonta' taghha.

---

[11] Ara fol. 11 tal-process.
[12] Ara fol 3 tar-rapport tas-Serologu Paul Sultana fl-atti tal-*proces verbal* tal-inkjesta ezebita bhala Dok NC1 a fol. 50 tal-process.
[13] Ara fol. 3 tar-rapport tas-Serologu Paul Sultana.

Mill-provi kollha migbura, fl-opinjoni ta' din il-Qorti il-verzjoni li ta l-imputat fl-istqarrija hija dik veritiera. Din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni, wara li ikkunsidrat illi:

1. fuq il-gisem tal-allegata vittma ma nstabux marki jew tbengil kompatibbli mal-verzjoni li tat hi, li l-imputat qabez fuqha u nehhielha l-hwejjeg kontra l-volonta' taghha;
2. l-allegata vittma tat lil Pulzija verzjonijiet diversi ta' x'gara;
3. l-allegata vittma kienet fi stat ta' sokor u mentalment instabbli, tant li ippruvat tikkommetti suwicidju waqt li kienet l-isptar sabiex tinghata l-ghajnuna ghall-allegata aggressjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

*It-Tieni Imputazzjoni – Offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku*

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li hu kellu x'jaqsam sesswalment ma' Ann Patricia Dacey fil-karozza tieghu fil-*parking area* ta' Wied iz-Zurrieq.

Il-**Prof. Anthony Mamo** jghallem hekk fuq dan ir-reat: *"A place can be public either in a permanent manner, as a street or square, or at certain times, as a theatre or a church. If the act is done in a place of the former category, it shall be deemed to have been committed in public whatever the time of the day or night it is done; if on the other hand, the act is done in a place of the second category, it will be considered as constituting this offence only if it is committed at a time when the place is open or accessible to the public. But precisely because the law punishes these acts even if committed in a place "merely exposed to the public", it will be sufficient if the acts are done in a private place, but in such a manner that they were visible or could have been seen by the public: "In luogo esposto al pubblico, e cioe in condizioni tali da lasciar scorgere a chiunque non per singolare e fortuita eventualita, ma nell'ordinari dei casi, quanto vi si compie." (op. cit. Para 1495). It is not necessary, however, that any person should have actually viewed the act or that there has been actual scandal. (Confer Carrara, Programma Parte Speciale, Vol. VI, para 2941, 2950). If the place is public, then 'ratione legis' the possibility of scandal is presumed."*[14]

[14] Ara **Notes on Criminal Law** pag. 211-212.

Fid-dawl ta’ dan l-insenjament, ghalkemm l-atti sesswali saru fil-karozza – post privat – dawn saru f’*parking area* li hi post pubbliku, u dawn l-atti sesswali setghu jidhru minn min ikun fil-*parking* area jekk ihares lejn it-tieqa tal-karozza. Ghaldaqstant, dawn l-atti saru f’lok espost ghall-pubbliku.

Konsegwentement din l-imputazzjoni giet ippruvata.

*<u>It-Tielet Imputazzjoni: Ir-Recidiva</u>*

It-tielet imputazzjoni hija dik ta’ recidiva taht l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

L-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali ma japplikax ghal kaz odjern, stante li f’dawn il-proceduri ma kienx hemm imputazzjoni ta’ serq.

Ghar-rigward tar-recidiva taht l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tosserva li kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprezenta formalment is-sentenza jew sentenzi relevanti. Fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi bla ma ma ipprezentat xi sentenza u ghalhekk ma hemmx prova ta’ din l-imputazzjoni.

Huwa vera li fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2012, dina l-Qorti ordnat li kopja legali tas-sentenza kontra l-imputat deciza minn din il-Qorti diversament preseduta tigi nserita fl-atti – pero dan ghamlitu ghal fini biss ta’ dak li jippreskrivi l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali, li jawtorizza lil din il-Qorti tissolleva *ex officio* il-kwistjoni li l-imputat kien kiser sentenza sospiza. Pero, din il-Qorti ma tistghax tuza din is-sentenza, issa ezebita in atti ghal fini tal-prova tar-recidiva, ghaliex il-Qorti mhix awtorizzata b’xi disposizzjoni tal-ligi – bhalma hemm fil-kaz ta’ ksur ta’ sentenza sospiza – li tordna li tingieb il-prova tar-recidiva.

Ghaldaqstant, il-Qorti se tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

*Ir-Raba' Imputazzjoni – Ksur tal-Kondizzjonijiet ta' Sentenza Sospiza*

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, fis-seduta tas-17 ta' April 2013, gie verbalizzat hekk: *"Illi rigward is-sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fit-13 ta' Ottubru 2004, il-partijiet jaqblu li din is-sentenza giet reza ezekuttiva u li l-imputat skonta l-piena l-habs u pprezentaw vera kopja tas-sentenza li qed tigi mmarkata bhala Dok AZ1"*

Fid-dawl ta' dan il-verbal, u wara li rat is-sentenza ezebita bhala Dok AZ1 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Curmi u Clayton Joseph Polidano** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Mejju 2010, din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Hija hadet ukoll in konsiderazzjoni li mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li l-imputat xellef difrejgh kemm-il darba mal-gustizzja, tant li ghandu sitt (6) kundanni kontrih minn dawn il-Qrati.

Madanakollu, in vista tal-fatt li l-imputat qed jinsab hati biss tar-reat li offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku, il-Qorti ma thossx li piena karcerarja effettiva tkun idonea, tenut kont ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment li r-reat sar bil-lejl, u ma jirrizulta li kien hemm l-ebda persuna ohra fil-*parking area* dak il-hin.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 207, 209, 49, 50, 289 u 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' (4) imputazzjoni u cioe' tal-imputazzjoni tal-ksur ta' sentenza sospiza kif kontemplat fl-Artikoli 28A sa 28H tal-Kapitolu 9, qed

tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u cioe tar-reati kontemplati fl-Artikoli 207, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9, izda issib lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni u cioe' tar-reat kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ghal piena karcerarja ta' xahar (1), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti qieghda tikkundanna wkoll lill-hati ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tnejn (2) ta' Mejju 2014, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------